## EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIENI SENA** **STUDJI SOĊJALI** **ĦIN: Siegħa u Nofs**

Isem: ________________________________________ Klassi: _______________

**Taqsima A**

**Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| drawwiet u t-tradizzjonijiet | interazzjoni soċjali | riżorsi naturali | riżerva naturali | dmirijiet |
| komunità nazzjonali | ċittadinanza | kostituzzjoni | WHO | ġudikatura |

1. Il-______________________________ ta' Malta hija ġabra ta' liġijiet.
2. L-għaqda ______________________________ tieħu ħsieb problemi tas-saħħa madwar id-dinja u tmexxi 'l quddiem programmi ta' prevenzjoni u kura ta' mard.
3. Kull ċittadin għandu ______________________________ x'jaqdi.
4. Meta sseħħ l-______________________________ jkun hemm proċess ta' relazzjonijiet bejn tnejn jew aktar min-nies li bih jinfluwenzaw lil xulxin fil-ħsibijiet, fl-ideat, fis-sentimenti u fir-reazzjonijet li jesprimu.
5. Fir-______________________________ jiġu protetti speċi naturali.
6. Id-______________________________ huma parti mill-kultura Maltija.
7. Użu bla rażan tar-______________________________ jeqred l-ambjent.
8. Il-ħdax-il kapitlu tal-kostituzzjoni jitkellem dwar iċ-______________________________.
9. Malta hija ______________________________ tal-Maltin.
10. Il-______________________________ titkellem dwar kif titmexxa l-Qorti u l-ħatra ta' l-Imħallfin u l-Maġistrati.

**Total 10 marki**

**Taqsima B**

**Ikteb kelma waħda jew tnejn biex tagħti tifsira ta' dawn li ġejjin:**

1. Numru tat-twelid u mwiet li għandu l-pajjiż. ______________________________
2. Nies li jridu jaħdmu imma ma jistgħux isibu xogħol. ______________________________
3. Komunikazzjoni li ssir permezz ta' mossi bil-wiċċ, sinjali bl-idejn u ġesti oħra tal-ġisem. ______________________________
4. Għaqda tal-pajjiżi tad-dinja li titkellem favur id-Drittijiet tal-Bniedem. ______________________________
5. Rispett lejn l-awtorità, id-dixxiplina, is-solidarjetà. ______________________________
6. Regoli li kull soċjetà jew komunità tagħmel u li kull membru huwa mistenni li jimxi magħhom. ______________________________
7. Għaqda Dinjija li tieħu ħsieb il-produzzjoni ta' l-ikel u s-sajd. ______________________________
8. L-obbligi li ċ-ċittadini għandhom lejn il-pajjiż. ______________________________
9. Proċess li individwu, bħala membru tas-soċjetà, jifhem ir-regoli tas-soċjetà. ______________________________
10. Familja, komunitajiet reliġjużi, għaqdiet professjonali, ekonomiċi u kulturali. ______________________________

**(10 marki)**

**Taqsima Ċ**

**Aqra din is-silta u wieġeb.**

Illum ħafna jitkellmu dwar l-ambjent. Illum il-bniedem tgħallem li dannu għall-ambjent naturali ta' madwaru fl-aħħar ifisser dannu għalih stess. Hemm rabta kbira bejn l-ambjent fiżiku naturali u l-ambjent soċjali uman. In-natura kienet maħluqa għas-servizzi tal-bniedem, imma dan ma jfissirx li l-bniedem m'għandux jaħseb li hu jista' jagħmel li jrid fid-dinja ta' madwaru. Anzi tajjeb li l-bniedem jibda jaħseb kif hu stess jista' jkun ta' servizz għan-natura.

1. X'tifhem bil-kelma 'ambjent'?

2 marki

2. Kif jista' l-bniedem jagħmel ħsara lill-ambjent ta' madwaru?

5 marki

3. Għaliex huwa importanti li l-bniedem jitgħallem jieħu ħsieb l-ambjent?

3 marki

4. Kif jista' l-bniedem ikun ta' servizz għan-natura?

4 marki

5. X'tifhem bil-kelmiet 'ambjent soċjali'?

2 marki

6. X'rabta hemm bejn l-ambjent fiżiku u l-ambjent soċjali?

4 marki

7. Li kellek tagħżel fejn toqgħod, x'tagħżel: belt jew raħal? Agħti r-raġunijiet tiegħek.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

5 marki

**(Total : 25 marka)**

**<u>Taqsima D</u>**

**<u>Agħżel it-tweġiba t-tajba u agħmel sing taħtha.</u>**
**<u>Jista' jkun hemm aktar minn tweġiba waħda tajba.</u>**

1. Ix-xogħol huwa importanti għaliex
   a. huwa mezz ta' għixien
   b. niskarta
   ċ. nuża t-talenti tiegħi
   d. nitlaq 'il barra.

2. L-Għaqda li tirrappreżenta lill-ħaddiema tissejjaħ
   a. klabb
   b. ċentru
   ċ. moviment
   d. *union*

3. Il-ħaddiema għandhom dawn id-drittijiet
   a. li jaħlu ż-żmien
   b. li ma jiħdux *sick leave*
   ċ. li jirċievu l-paga
   d. li jieħdu brejk
   e. li jmorru x-xogħol x'ħin iridu
   f. li jisirqu
   ġ. li jissieħbu f'*unions*.

4. Fost id-dmirijiet tal-ħaddiema nsibu li hu mistenni li
   a. ma jagħmlu xejn
   b. jagħtu sehemhom mill-aħjar li jistgħu
   ċ. jobdu l-kapijiet tagħhom
   d. ma jagħtux kas tar-regoli
   e. jmorru għax-xogħol fil-ħin.

5. Meta l-ħaddiema ma jkunux kuntenti fuq il-post tax-xogħol jistgħu
   a. jieħdu azzjonijiet industrijali
   b. jiskartaw minn fuq il-post tax-xogħol
   ċ. meta jridu ma jmorrux għax-xogħol

**(10 marki)**

**<u>Taqsima E</u>**

**<u>Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fl-ispazju pprovdut.</u>**

1. Għaliex hemm bżonn li sseħħ l-interazzjoni soċjali?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

3 marki

2. Fejn tista' sseħħ l-interazzjoni soċjali?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2 marki

3. Liema huma l-erba' fatturi importanti biex ikollok soċjetà b'saħħitha?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

4 marki

4. Fejn isseħħ is-soċjalizzazzjoni primarja u dik sekondarja?

4 marki

5. X'tip ta' komunikazzjoni tista' sseħħ waqt l-interazzjoni soċjali?

2 marki

6. X'tifhem b'soċjetà?

2 marki

7. Xi jfisser 'stat demokratiku'?

3 marki

**(Total : 20 marka)**

**<u>Taqsima F</u>**

**<u>Agħżel wieħed minn dawn u ikteb madwar 200 kelma fuq is-suġġett li tagħżel.</u>**

a. Malta fl-Ewropa. X'tifsira għandha għall-Maltin?

b. Il-gruppi soċjali u r-rwol tagħhom fis-soċjetà.

ċ. Kif iħarsu lejn l-ambjent il-Maltin? X'effetti qed iħallu l-għaqdiet ambjentali fuq il-ħajja Maltija?

**(Total : 25 marka)**